**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGHAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

**Talba Nru: 158/2021MD**

**Lift Services Limited (C 5543)**

**Vs**

**Johnaton Abela (K.I. Nru 376185M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2021[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf, mija, erbgha u tletin Ewro u sitta u sebghin ċenteżimu (€1,134.76) rapprezentanti ħlas dovut ghal xogħolijiet ta' manutenzjoni li wettqet is-soċjeta' attriċi fuq lift, kif kellha struzzjonijiet mill-konvenut sabiex tagħmel. Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċċjali 284/21 mibgħuta taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 u l-imgħax legali kollu mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta ppreżentata fil-11 ta' Ottubru, 2021[2] fejn il-konvenut eccepiexxa:

1. Illi fl-ewwel lok fil-vesti personali tiegħu qatt ma kellu ebda relazzjoni kuntrattwali u jew kummerċjali mas-soċjeta'' rikorrenti w għalhekk għandu jiġi lliberat;

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 6 *et seq* tal-process.

2. Illi fi kwalsiasi każ l-esponenti dejjem informa lis-soċjeta' rikorrenti li kien qieghed jagixxi f'isem terzi w għalhekk l-esponenti zgur li ma jistax jigi kkundannat ihallas *invoices* li mhux dovuti minnu personali;

3. Illi fi kwalsiasi każ u minghajr preġudizzji ghas-suespost, l-esponenti qatt, la f'ismu personali u lanqas f'isem it-terzi ma ta' istruzzjonijiet biex issiru tibdiliet u tiswijiet fil-lift fl-ammont riskjest mis-soċjeta' rikorrenti w għalhekk *se mai* l-attriċi ghandha tidderiġi r-rikjesta ghall-hlas taghha minghand il-persuna li nkarigata sabiex taghmel dan ix-xogħol estensiv fuq dan il-lift komuni fi blokka ta' appartamenti bejn diversi sidien;

4. Illi fi kwalsiasi każ l-ammont mitlub huwa wiehed eċċessiv;

5. Illi fil-kumplament it-talbiet attriċi huma infonadati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċhuda bl-ispejjeż.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra l-affidavits u x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attriċi titlob sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' elf, mija, erbgha u tletin Ewro u sitta u sebghin ċenteżimu (€1,134.76) rapprezentanti ħlas dovut ghal xogħolijiet ta' manutenzjoni li wettqet is-soċjeta' attriċi fuq lift, kif kellha struzzjonijiet mill-konvenut sabiex tagħmel. Il-konvenut *in linea* preliminari eċċepixxa illi huwa qatt ma kellu relazzjoni kontrattwali u lanqas kummerċjali mas-soċjeta' attriċi u għalhekk għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **Johnaton Abela**[3] limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni. Qal li huwa impjegat tas-soċjeta' John Abela Limited hekk kif jidher minn dokument anness[4] u l-*email address* tiegħu tax-xogħol li jagħmel ma John Abela Ltd, huwa legal@alfaran.eu. Spjega li l-kumpanija

[3] *A fol* 22 tal-process.
[4] *A fol* 23 tal-process.

tipposjedi xi appartamenti gewwa blokka appartamenti fil-Fgura. Kien hemm xi *issue* dwar il-lift tal-komun għaliex ma kienx qed jahdem. Spjega li fl-10 ta' Jannar, 2020 kien kellmu xi hadd mill-ufficcju, izda ma jiftakarx min, fejn staqsieh jekk setax imur il-Fgura għaliex kien sejjer persuna li kellu jispezzjona l-lift u sabiex jagħmel il-verifiki fuq l-istess lift dwar jekk setghax joffri *Service Agreement*. Ftakar li kien mar fuq il-post li kien jinsab fi Triq Louis Scicluna kantuniera ma Triq Patri Elija fil-Fgura u ltaqa' ma persuna ta' nazzjonalita' taljana li kien impjegat tas-soċjeta' attriċi. Nizzlu sabiex jara l-*machine room* tal-lift sabiex jassigura li l-lift huwa kompatibbli mas-sistema taghhom. Ftakar li kien ghamel siegha fuq il-post u dan l-impjegat kien qallu xi haga fuq xi *card* li kellu johodha miegħu biex jara tissewwiex jew tridx tinbidel. Kien staqsa lill-impjegat jekk kienx hemm xi *charges* ta' dakinhar u kien qallu li peress li kienet biss spezzjoni ma kienx hemm, pero' kien qallu li kien ser jiċċekja fuq il-*card* biex jara tissewwiex jew tridx tinbidel. L-impjegat kien qalli li kellu jcempillu hu jew persuna mill-ufficcju tiegħu sabiex jgħidulu l-ispiza tat-tiswija jew tibdil tal-*card*. Qabel ma telaq l-impjegat ħareg *tablet* u talbu biex jiffirma fejn hu informah li hu kien qieghed hemm in rappreżentanza tas-soċjeta' li timpjegah, John Abela Ltd u mhux f'ismu u fil-fatt nizzel John Abela Ltd qabel ma ffirma fuq it-tablet.[5] Spjega li hu dejjem informa lil din il-persuna ta' nazzjonalita' taljana li kien qieghed jaġixxi f'isem Lift Services Ltd u qatt ma aġixxa f'ismu u fil-fatt l-*istatements* li rcievha qatt ma kienu f'ismu.[6]

Ra x-xhieda ta' **Matthew Borg[7]** li spjega li hu impjegat bħala *sales* u *operations manager* mas-soċjeta' attriċi. Spjega li l-kumpanija kienet irċiviet email minghand Dr Johnaton Abela u skont l-istess *email*, kellu lift il-Fgura li kellu bzonn manutenzjoni, li ma kienx qed jahdem sew, u kien hemm bzonn ta' kwotazzjoni ghal *service agreement* biex jitranga l-lift. Kollega tiegħu, Francesca baghtitlu lura appuntament ghal gurnata ta' wara u *draft copy* tal-*maintenance agreement*. Wara ircievew *email* minghand il-konvenut fejn irringrazzjahom u qalilhom li t-*technician* kien ta' ghajnuna u li ha miegħu *circuit* li kellha bzonn riparazzjoni u sabiex jigi infurmat meta jkun kollox lest. L-attur staqsiehom ukoll x'kien l-aħjar prezz li setghu jagħtu fuq *maintenance agreement*, fejn reġgħet weġbitu Francesca, l-*office manager*.[8] Spjega li l-kommuikażzjoni dejjem kienet mal-konvenut. Kommunikazzjoni ohra li kien hemm mal-konvenut kien li kkonferma x-xoghlijiet.[9] Meta baghtu l-*invoices* lil konvenut qatt ma rcievew lura li l-*invoice* ma kienetx indirizzata lil persuna t-tajba.

Fil-kontro-ezami[10], spjega li fis-sena 2020 huwa kien jokkupa l-kariga ta' salesman fi hdan il-soċjeta' attriċi, u dak iz-zmien il-kwotazzjonijiet kien jiehu hsiebhom u johroghom hu. L-involviment tiegħu kien li ħareg il-kwotazzjoni u ma huwiex ikkupjat fil-korrispondenza.

---

[5] *A fol* 24 tal-process.
[6] *A fol* 25 *et seq* tal-process.
[7] *A fol* 36 *et seq* tal-process, xhieda datata 27 ta' Settembru, 2022.
[8] Kommunikazzjoni *a fol* 56 *et seq* tal-process.
[9] *A fol* 70 *et seq* tal-process.
[10] *A fol* 41 *et seq* tal-process, kontro-ezami datat 27 ta' Settembru, 2022.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-konvenut eċċepixxa in linea preliminari li huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju għaliex fil-vesti personali tiegħu qatt ma kellu ebda relazzjoni kuntrattwali u jew kummerċjali mas-soċjeta' rikorrenti.

Ir-Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjajrja 380.01 jipprovdi s-segwenti:

> *(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha.*
>
> *(2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi:*
>
> *(a) b'kopja tat-talba; u*
>
> *(b) b'kopja tar-risposta tiegħu; u*
>
> *(ċ) b'avviż lil terzi; u*
>
> *(d) b'formola għal risposta vojta.*
>
> *(3) Meta terzi jagħmlu r-risposta tagħhom, huma għandhom isegwu l-proċedura li hemm biex issir risposta għal talba hekk kif inhi msemmija fir-regoli 4 u 5.*

B'referenza ghal-każ fl-ismijiet *Alfred Falzon Sant Manduca ghan-nom u in rapprezentanza tas-soċjeta' Albert F.S. Manduca Limited Vs Domenico Gargano taht l-isem kummerċjali Tentazione Pugliese*[11] intqal is-segwenti:

> *... It-tieni eccezzjoni hija li l-intimat mhux il-legittimu kontradittur. Skond ir-Regola numru 6 ta' l-Avviz Legali 145 tas-sena 1995 kif sussegwentement emendat (Legislazzjoni Sussidjarja 380.01) "(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha. (2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi: (a) b'kopja tat-talba; u (b) b'kopja tarrisposta tieg]u; u (c) b'avviz lil terzi; u (d) b'formola ghal risposta vojta. (3) Meta terzi jaghmlu r-risposta taghhom, huma ghandhom isegwu lprocedura li hemm biex issir risposta ghal talba hekk kif inhi msemmija fir-regoli 4 u 5". L-intimat ma ghamel xejn min dan. Dan ir-regolament qieghed hemm sabiex ma joqghodx jinhela hin f'kawzi ghalxejn u sabiex jigi identifikat mal-ewwel il-persuna li skond il-konvenut ghandha twiegeb ghat-Talba tar-rikorrenti. It-Tribunal pero qed jifhem li min-natura tal-provi mressqa mill-intimat, il-persuna li huwa qieghed jghid li*

[11] Tribunal ghal Talbiet Zghar; Talba Nru 272/2013; deciza 24 ta' Gunju, 2015; Gudikatur Dr. Vincent Galea.

> *għandu jwiegeb ghat-Talba tar-rikorrenti nomine hija s-soċjeta' Tentazione Pugliese Limited.*

It-Tribunal kompla:

> *Kif diga inghad, l-intimat ma ghamel xejn min dan li hemm mahsub f'dan l-artikolu tal-ligi u konsegwentement, galadarba huwa baqa inert u ma hax hsieb li tigi kjamata fil-kawza is-soċjeta' Tentazione Pugliese Limited, skond ma tirrikjedi l-ligi specjali li kkostitwit lil dan it-Tribunal (Kap. 380) allura huwa għandu jerfa r-responsabbilita ghal dan in-nuqqas u b'hekk jhallas l-imsemmi ammont ta' €190.32c ukoll...*

Fil-każ odjern il-konvenut fir-risposta ippreżentata minnu, dejjem semma terzi izda qatt ma qal it-terz min kien, u kien biss fl-affidavit ipprezentat minnu li spjega li hu impjegat mas-soċjeta' John Abela Limited, u li l-*email* tax-xogħol li jagħmel mal-istess soċjeta' huwa legal@alfaran.eu. Spjega wkoll illi meta mar fuq il-post gewwa l-Fgura kien hemm impjegat taljana tas-soċjeta' attriċi u l-konvenut informah li hu kien qieghed fuq il-post in rapprezentanza tal-kumpanija li timpjegah u cioe' John Abela Ltd u mhux f'ismu personali u in fatti nizzel John Abela Ltd qabel ma iffirma fuq it-*tablet*, liema *jobsheet* giet ippreżentata minnu stess.[12]

It-Tribunal jagħmel referenza ghal-kawza fl-ismijiet *Frank Cilia noe vs Charles Scicluna deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April, 1992 per Imh. J.D. Camilleri* li rriteniet is-segwenti:

> *Illi hija ħaġa mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratt f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun raġonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni ... Il-Qorti ssaqsi: Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-soċjeta' attriċi (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, għaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-soċjeta' attriċi biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Għaliex stenna li ssir din il-kawza biex żeffen fin-nofs lis-soċjeta' tiegħu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?*

Jirriżulta li fl-unika fattura li tidher li hemm John Abela Ltd kien biss fil-*jobsheet* datata 10 ta' Jannar, 2020. Mill-*emails* prodotti li ġew skambjati bejn il-partijiet kemm qabel ma saret l-ispezzjoni, kif ukoll wara ma jirrizultax li l-konvenut għamilha ċara li huwa ma kienx qed jikkontratta f'ismu personali imma f'isem is-soċjeta' John Abela Limited. Jirrizulta li l-konvenut irċievha l-*istatements* mis-soċjeta' attriċi u dan għaliex ġew esebieti minnu stess, liema *statements* huma datati 9 ta' Marzu, 2022, 2 ta' Lulju, 2021 u 4 ta' Frar, 2022.[13] Li dan it-Tribunal ma jistax jifhem huwa għaliex il-konvenut ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-

[12] *A fol* 24 tal-process.
[13] *A fol* 25 *et seq* tal-process.

soċjeta’ attriċi meta rcievha l-*istatements* u għaliex baqa’ inert u ma kkjamax in kawża s-soċjeta’ John Abela Limited hekk kif hu provdut mir-regolament 6 tal-Ligi Sussidjarja 360.01 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant huwa għandu jerfa’ r-responsabilita’ ghal dan in-nuqqas.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jiċħad din l-eċċezzjoni preliminari, u cioe’ li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta’ din il-vertenza tithallas unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**